MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2013

Numru. 1299/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Priscilla Caruana**

**vs**

**Joseph Zahra**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Zahra ta’ 56 sena, bin Joseph u Anne nee’ Cutajar, imwieled Zejtun fis-06/04/1953 u residenti House 2, Blk 5, Triq Hal Far, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita’ 293553(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fl-4 ta’ Ottubru 2009 bejn il-05:00hrs u 08:30hrs gewwa c-centru tal-OIWAS Hal Far, Birzebbuga naqas billi halla

zewg annimali jsofru ugiegh jew gieghel lill-annimali jsofru tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u abbandunahom billi tefahom go skip f'boroz tal-plastic maz-zibel,
Fl-istess data, hin u lok zamm ghandu annimali u ma kienx responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom billi sawwathom b'oggett iebes u ikkaguna feriti u ksur ta' ghadam fuqhom u naqas milli jaghlifhom ikel u xorb skond ic-certifikat ta' Dr. Ivan Galea veterinarju.

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija titratta ma' l-imputat li sar recediv.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta' Dicembru 2009 (esebit a fol. 21 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw l-allegata mohqrija ta' zewgt iklieb fl-4 t'Ottubru, 2009 bejn il-05:00hrs u 08:30hrs f'Hal Far, Birzebbugia.  Fl-imsemmija data PC1076 li kien duty fl-Open Centre, Hal-Far innota li kien hemm zewgt iklieb f'borza tal-plastic sewda u ohra bajda fi skip. Il-klieb kienu fil-boroz u bl-affarijiet fuqhom u kienu maghdura u l-Pulizija ghalhekk sejhet l-ambulanza minn Noah's Ark sabiex il-klieb jinghataw l-ghajnuna.  Il-Pulizija nghatat informazzjoni li l-klieb in kwistjoni kienu jinzammu fil-proprjeta tal-imputat Joseph Zahra li kien joqghod vicin ta' fejn instabu l-klieb.  L-ghada, u cioe' fil-5 t'Ottubru, 2009, Mario u Joseph Zahra, ulied l-imputat, marru

jirrapurtaw li l-klieb taghhom li kienu jinzammu ghand missierhom kienu neqsin. Huma qalu lil Pulizija li kienu jmorru jitimghu lill-klieb u li meta marru sabiex jaghmlu dan sabu l-klieb neqsin u peress li semghu fuq l-ahbarijiet dwar il-klieb li nstabu fi skip gihom suspett li dawn setghu kienu taghhom. Id-deskrizzjoni tal-klieb moghtija minn Joseph u Mario Zahra kienet tindika li l-klieb li nstabu kienu taghhom u huma qalu lil Pulizija li fix-xhur ta' qabel kellhom l-inkwiet ma' missierhom. Minn indagni ulterjuri li ghamlet il-Pulizija rrizulta wkoll li l-klieb in kwistjoni kienu jinzammu fuq il-bejt proprjeta' tal-imputat u li l-unika persuni li kellhom access ghal fuq il-bejt oltre l-imputat kienu z-zewg uliedu. Joseph Zahra baghat kwerela[1] lil Pulizija fejn talabhom jiehdu proceduri fil-konfronti tal-imputat ghall-mohqrija tal-klieb taghhom.

Fil-15 ta' Novembru, 2009, l-imputat irrilaxxja stqarrija[2] fejn qal li uliedu Joseph u Mario li kellhom ic-cwievet tal-proprjeta' ta' fejn kellu l-klieb, u li huma kienu qabdu u hadu erbat iklieb taghhom u halluhom hemm. Huwa qal li wiehed mill-klieb kien rega' hadu Joseph, wiehed miet u t-tnejn l-ohra qabzu minn fuq il-bejt ghal fuq Volvo. Huwa qal ukoll li uliedu kienu jzommu lil dawn il-klieb mejtin bil-guh u bil-ghatx. Huwa qal li llum il-gurnata ma jafx fejn huma dawn iz-zewgt iklieb. L-imputat ikkonferma li huwa gieli tefa' xi zibel fl-iskips tac-Centru OIWAS. L-imputat cahad li fl-4 t'Ottubru, 2009 huwa sabiex ipattiha lit-tfal kien ta' xebgha lill-klieb taghhom u mbaghad poggihom fil-garbage bags u tefaghhom fl-iskip tal-OIWAS. L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 t'April, 2013 fejn essenzjalment ikkonferma dak li kien qal fl-istqarrija u cahad li kien rema' l-klieb ta' uliedu fl-iskips u qal li uliedu kienu ghamlu dan ir-rapport sabiex ipattuhielu.

L-imputat produca bhala xhud lil PS1141 Noel Tanti li qal li kien hemm okkazjoni fejn kien ghassa hdejn il-proprjeta' tal-imputat Joseph Zahra u ra kelb jaqa' fuq karozza u mbaghad hareg l-imputat mid-dar tieghu ghaliex sema' l-hoss u haseb li kienu waddbu xi ballun fuq il-vettura

[1] Inserita a fol. 26 tal-atti processwali
[2] Inserita a fol. 22 et sequitur tal-atti processwali.

tieghu u PS1141 qal li huwa nfurmah li kien ra kelb jaqa' minn fuq il-bejt u l-imputat imbaghad staqsieh x'kien ser jaghmel ghaliex il-kelb kien ta' ibnu u issa kien ser jehel hu u x-xhud qal li serrah mohh l-imputat u qallu li kien ser jitla' xhud sabiex jikkonferma li l-kelb kien waqa' minn fuq il-bejt.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri Joseph u Mario Zahra ghalkemm baghtu kwerela lil Pulizija u ghalkemm gew notifikati diversi drabi sabiex jitilghu jixhdu f'dawn il-proceduri, naqsu milli jaghmlu dan.  Il-Qorti ghalhekk tinsab rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn l-imputat qed jichad li huwa kien rema' l-klieb ta' uliedu fl-iskips jew li altrimenti huwa kien jahqar lil dawn il-klieb u fejn ma ngabet ebda prova li kien l-imputat li effettivament rema' l-klieb fl-iskips.  Inoltre mill-provi rrizulta li l-klieb kienu ta' ulied l-imputat u li kienu huma li kienu responsabbli li jitimghuhom.  Ghalhekk ghalkemm mill-provi rrizulta li l-klieb li nstabu fl-iskips kienu undernourished ma jistghax jinghad li rrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-Ligi li kien l-imputat li kien responsabbli ghall-mohqrija u maltrattament ta' dawn l-annimali jew li kien huwa li ramihom fl-iskip.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------